MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12/8

L-Erbgħa 06 ta' Novembru 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Marija Sara Vella - Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Maria Micallef – Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Antoinette Azzopardi - Deputat Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

012.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

012.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (09/8 [21/10/19]);

012.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

012.4 Rapport tal-Kumitat tal-Għażla dwar ħatra għal Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-Gudja (kunfidenzjali);

012.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

012.6 Rapporti;

012.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

012.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

012.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

----------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Sa Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.49pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti. Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku qalet li wara li kien hemm qbil unanimu mal-membri kollha tal-Kunsill, din il-laqgħa ġiet posposta għas-06 ta' Novembru 2019 minflokk għat-12 ta' Novembru 2019 kif kienet oriġinaljament aġġornata l-laqgħa.

### 12.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat illi Sa. M. Micallef ma setgħetx tkun preżenti għal-laqgħa minħabba impenji tax-xogħol u għaldaqstant talbet li tkun skużata. Il-Kunsill ħa nota ta' din l-apoloġija u għaldaqstant din ġiet milqugħa. Għal kull buon fini tal-proċedura, Sa Micallef ġiet kkonsidrata bħala skużata u li din l-assenza bl-ebda mod ma għandha tnaqqas ir-remunerazzjoni tagħha dwar l-attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill u l-pagament kif stabbilit.

Il-Kunsillier S. Caruana informa li kien se jasal tard.

**012.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti ((09/8 [21/10/19])**

012.2.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

012.2.2 Il-Kunsill b'mod unanimu approva dawn il-minuti nru 009/8 nem con.

**012.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

012.3.01 Triq il-Lewż. Is-Sindku rreferiet għat-tieni saff ta' tarmak li jonqos f'parti minn Triq il-Lewż. Saret talba lill-IM sabiex dan ix-xogħol jitlesta peress li l-parti l-kbira ta' kostruzzjoni ta' bini f'din it-triq issa tlesta.

Is-Sindku qalet ukoll li resqet talba lill-IM sabiex tinqala' l-parti l-oħra ta' Triq il-Lewż (l-ewwel parti minn Triq San Ġorġ) sabiex tingħata wiċċ ġdid u b'hekk it-triq tiġi kompluta minn tarf sa tarf. Dwar din il-materja se tintalab laqgħa mal-IM.

012.3.02 Triq R. Caruana. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi resqet talba lill-IM sabiex tinqala' u tingħata wiċċ ġdid Triq R. Caruana minn Dawret il-Gudja sa Triq il-Kbira. Din it-tema qed tiġi diskussa mal-IM u aktar informazzjoni se tingħata aktar 'il quddiem.

012.3.03 Laqgħa mal-Kap tal-Iskola Primarja. Is-Sindku infurmat illi flimkien ma' Sa. M. Micallef kienet saret laqgħa mal-Kap tal-Iskola. Ġew diskussi diversi temi fosthom sabiex il-Kunsill jakkwista post sabiex jintuża bħala uffiċini tiegħu. Il-Kunsill ġie infurmat illi spazju vojt ma hemmx peress li dan l-aħħar żdiedu t-tfal. Fil-passat kien hemm ħsieb li tinbena sala f'din l-istess skola. Ħareġ il-ħsieb illi din is-sala kieku tinbena u tiġi utilizzata kemm mill-iskola kif ukoll mill-Kunsill u l-Kunsill ikollu l-uffiċini tiegħu fuq jew taħt din is-sala.

012.3.04 Laqgħa mal-Ministru E. Bartolo. Is-Sindku rreferiet għal-laqgħa li kellha mal-Ministru. Is-Sindku qalet li rreferiet lill-Ministru dwar il-laqgħa kordjali li kien hemm mal-Kap tal-Iskola u dwar il-proposta li kien hemm żmien ilu sabiex tinbena sala fl-iskola primarja.

Is-Sur JM Calleja qal li jiftakar li kien hemm pjan ta' din is-sala u li kien hemm ukoll flus ivvutati min-naħa tal-Gvern sabiex dan il-proġett seta' jsir. Infatti kien hemm ukoll il-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Is-Sindku nfurmat illi se tinġabar aktar informazzjoni dwar dan il-permess li kien ħareġ mill-PA u wara l-Kunsill ikun jista' jistudja aħjar dan il-ħsieb. Wara li l-Kunsill ikollu ħsieb, jista' mbagħad iressaq talba quddiem il-Ministru. Dan il-proġett għandu jkun proġett ħolistiku li jkun jinkludi l-uffiċini tal-Kunsill u wkoll sala li tkun għall-komunità.

Is-Sindku infurmat wkoll illi sabiex il-Kunsill ikun jista' juża l-iskola wara l-ħin, dan jista' jsir billi jiffirma kuntratt mal-Iskola u b'hekk ikunu jistgħu jintużaw il-flus dwar il-Life Long Learning li l-Kunsill ngħata mill-iskema.

012.3.05 Ġnien R. Caruana. Is-Sindku infurmat li għandhom għaddejjin diversi diskussjonijiet mad-dipartiment ikkonċernat. Saret diskussjoni. Aktar dettalji se jingħataw f'laqgħa oħra.

012.3.06 JChallenge. Is-Sindku rreferiet għall-permessi tal-Pulizija. Il-Kunsill ġie infurmat illi l-applikazzjoni riedet issir mill-organizzaturi u mhux mill-Kunsill. Il-Kunsill irċieva l-invit għal din l-attività u dan tqassam lill-Kunsilliera kollha.

012.3.07 Social media - persuna inkarigata. Is-Sindku rreferiet għaċ-ċirkulari tal-AKL fejn il-Kunsill għandu jaħtar persuna sabiex tkun inkarigata mis-social media. Is-Sindku qalet li huwa impossibbli li fil-preżent tkun hi l-persuna inkarigata minħabba l-inpenji li għandha. Saret diskussjoni u sar qbil unanimu illi b'mod temporanju s-Sur MA Sammut se jkun il-persuna inkarigata għal dan il-qasam.

012.3.08 Newsletter tal-Kunsill. Il-Kunsill ġie imfakkar dwar in-newsletter (4 paġni) li kien approva f'laqgħa oħra. Huwa l-ħsieb illi l-ewwel ħarġa issir f'Jannar 2020. Ġie deċiż li għandhom jiġu mfassla linji gwida għal dan in-newsletter u li din l-ewwel ħarġa se tkun taħt ir-responsabiltà tas-Sur MA Sammut.

012.3.09 Kunsulent – Marketing Strategy Objectives. Is-Sindku pproponiet sabiex il-Kunsill ikollu Kunsulent li tkun inkarigata fuq Marketing Strategy Objectives dwar l-attivitajiet li se jorganizza l-Kunsill. Saret diskussjoni.

Is-Sur Sammut qal li għandhom l-ewwel jiġu mfassla t-terms of reference imbagħad wara l-Kunsill ikun jista' jagħżel persuna. Saret diskussjoni. Il-Kunsill qabel li din it-tema terġa' tiġi diskussa waqt id-diskussjoni tal-attività 'Milied ta' Dari' aktar 'il quddiem f'din l-istess laqgħa.

012.3.10 Proġett ta' kostruzzjoni tal-MIA. Is-Sindku rreferiet għal diversi ilmenti dwar storbju billejl li kien ġej minn xogħol ta' kostruzzjoni li għaddej fl-MIA. Is-Sindku qalet li tkellmet mad-diriġenti tal-MIA peress li r-residenti tal-inħawi ma jistgħux jiġu ddisturbati billejl. Huma infurmawha li dan ix-xogħol kien ta' darba u kien qed isir manwalment, u li dan ix-xogħol ridt isir bilfors billejl.

Is-Sur Sammut qal li wkoll irċieva xi ilmenti mir-residenti u li dan ix-xogħol ma kienx ta' darba biss.

Il-Kunsill infurmat li fuq il-post marru persuni mill-uffiċċju tal-BRO fejn waqfu li dan ix-xogħol jsir billejl.

012.3.11 Proġett Kirkop Tunnels and Airport Intersection Project (KTAIP). Is-Sindku rreferiet għal dan il-proġett li tħabbar dan l-aħħar mill-Gvern Ċentrali. Il-

Kunsill ġie infurmat illi dwar il-katakombi, l-IM taf bihom u li dawn se jiġu protetti b'kull mod. Saret diskussjoni.

Il-Kunsill se jitlob laqgħa mal-Ministru Dr. I. Borg u mal-IM sabiex il-Kunsill juri t-tħassib tiegħu dwar il-katakombi kif ukoll sabiex il-Kunsill jingħata aktar dettalji dwar dan il-proġett. Il-proġett huwa importanti li jsir imma importanti li ma ssirx ħsara lil dan il-katakombi. Il-membri kollha tal-Kunsill se jiġu infurmati b'din il-laqgħa.

Is-Sur Calleja qal li t-tqattigħ għandu jsir bil-galbu. Is-Sindku qalet li l-aħħar kelma tkun dejjem tas-Sovrintendenza Wirt Kulturali (SCH) u li din se tkun fuq il-post tissorvelja x-xogħlijiet.

Is-Sur Sammut qal li sar jaf bil-proġett minn fuq il-mezzi tax-xandir u li l-Kunsill ma ġiex ikkonsultat fl-ebda stadju. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jkun jaf bil-method statement tax-xogħlijiet kif ukoll li f'dan il-proġett għandu jiġi inkluż l-aċċess għall-persuni bil-mixi. Għandha wkoll tinġibed l-attenzjoni dwar il-Menħir li hemm f'Dawret il-Gudja. Is-Sur Sammut qal li dan il-proġett għandu jkun proġett ħolistiku, li jkun ukoll turistiku li jinkludi fih il-katakombi, il-Kappella ta' Bir Miftuħ u l-Menħir fost oħrajn. Dan jista' jsir anke bi flus mill-UE.

012.3.12 Triq il-Kbira – immaniġġjar tat-traffiku. Saru diversi diskussjonijiet, fejn fosthom issemmew il-possibilità li jiġu installati traffic lights (bis-solar għax inkella trid terġa' tinqala t-triq), iżda ħareġ il-punt li jekk isiru dawn il-lights, se jkun hemm vetturi startjati u weqfin għal xi ħin quddiem ir-residenzi.

**Nota** Is-Sur S. Caruana daħal fil-laqgħa fit-7.46pm.

Tqajjem il-punt li xi darba kien hemm il-ħsieb li fil-Gudja jkun hawn ringroad u b'hekk it-traffiku jonqos mill-qalba tar-raħal. Is-Sindku infurmat li fuq din it-tema se jinbdew xi diskussjonijiet mal-awtoritajiet konċernati

Il-konġestjoni tat-traffiku qed tinħoloq l-aktar fil-ħinijiet ta' filgħodu (qabel il-ħinijiet tax-xogħol) u dawk ta' filgħaxija (wara l-ħinijiet tax-xogħol).

Saret diskussjoni.

Il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa mat-TM sabiex il-Kunsill jiġi ggwidat fuq l-aħjar soluzzjoni minn dawn it-tliet proposti:

a. traffic lights
b. bollards jew flaps
c. one way għal kulħadd

Wara li l-Kunsill ikollu f'idejh x'inhi l-aħjar soluzzjoni, se ssir konsultazzjoni mar-residenti kollha tal-Gudja.

012.3.13 Ġonna u Soft-areas. Is-Sindku qalet li hemm bżonn ta' żamma tal-ġonna u soft-areas. Il-Kunsill għandu jikseb kwotazzjoni għal dan ix-xogħol.

012.3.14 Bankina aċċessibbli. Il-Kunsill ġie infurmat dwar it-talba tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta sabiex bankina ssir aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir għal prezz ta' €250.00 minn kuntrattur privat.

012.3.15 Bus shelter fi Triq Ħal Tarxien, il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat illi tqabbad il-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel rapport u stima għal dan il-bus shelter. Dan minħabba li sar xi inċident fejn la l-Kunsill u lanqas il-Pulizija m'għandhom informazzjoni fuqu.

012.3.16 Sotto Kumitat – Qasam Residenzjali Tal-Mitħna. Is-Sindku qalet li kellha proposta sabiex jiġi mwaqqaf dan is-sotto kumitat. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Għandha tintbagħat ċirkulari lil kulħadd sabiex wieħed juri l-interess tiegħu li jkun membru f'dan is-sotto kumitat. Din it-tema għandha terġa' tiġi diskuss f'laqgħa oħra.

012.3.17 Serq fil-Gudja. Is-Sindku ġiet infurmata li r-residenti qed iħossuhom mhux daqstant protetti. Is-Sur Calleja qal li fil-passat kienu jsiru diversi laqgħat mal-Pulizija dwar diversi problemi li jkunu għaddejjin fir-raħal.

Ġie deċiż li għandha tissejjaħ laqgħa mal-Pulizija dwar din it-tema.

012.3.18 Bus shelter fi Triq Ħal Għaxaq, il-Gudja. Is-Sindku qalet li hemm bżonn li jsir il-manutenzjoni meħtieġa fuq dan il-bus shelter. Dan se jiġi mwettaq mill-ħaddiema assenjati tal-Kunsill.

012.3.19 Service road Triq Ħal Għaxaq, il-Gudja. Is-Sindku qalet li kellha talba sabiex il-bus shelter li hemm f'din it-triq jersaq lura (fis-service road) sabiex b'hekk tal-linja jkollha fejn tieqaf u t-traffiku jibqa' mixi. Dan minħabba l-fatt li hemm żewġ bus stops faċċata ta' xulxin.

Saret diskussjoni.

Il-Kunsill kien diġà għamel talba lit-TM sabiex is-service road tingħalaq bil-bollards u b'hekk il-vetturi ma jgħaddux minn hemm biex jaqbżu l-lights.

Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir proposta lit-TM u/jew lit-Trasport Pubbliku sabiex il-bus stop (fuq in-naħa tax-xelluq inti u ġej minn Ħal Għaxaq lejn il-Gudja), tersaq lejn Ħal Għaxaq sabiex b'hekk it-triq ma tingħalaqx f'każ li jinzertaw żewġ karozzi tal-linja weqfin kontra xulxin.

012.3.20 Bus stop/shelter fi Triq l-Għelejjel. Is-Sindku qalet li kienet irċeviet talba sabiex jiġi installat bus shelter fi Triq l-Għelejjel. Il-Kunsill huwa infurmat li diġà saret talba lill-Faces sabiex tiġi inkluża mal-lista ta' talbiet għal bus shelters.

012.3.21 Ħinijiet tas-Sindku. Is-Sindku infurmat illi se tibda tkun l-uffiċċju tal-Kunsill kull nhar ta' Tlieta u Ġimgħa filgħaxija sabiex tkun tista' tiltaqa' mar-residenti skont il-każ.

012.3.22 Art – Triq Joseph Gravina. Il-Kunsill ġie infurmat dwar ilment li daħal il-Kunsill dwar biċċa art li tinsab mingħajr ċint ta' ilqugħ fi Triq Joseph Gravina, il-Gudja. Se tinġabar aktar informazzjoni dwar dan l-ilment.

012.3.23 Zebra Cross fi Vjal it-Torri kantuniera ma' Triq R. Caruana. Is-Sindku qalet li rċeviet talba sabiex din iz-zebra cross tersaq lura u titbiegħed minn mar-roundabout peress li din qiegħda ta' periklu peress li t-triq wiesa' ħafna. Saret diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda li għandha ssir talba sabiex isir traffic island fin-nofs fi Vjal it-Torri, li din iz-zebra cross tersaq lura u li jiġu installati pelican lights.

012.3.24 Milied ta' Dari. Kemm is-Sindku kif ukoll is-Sur Caruana infurmaw lill-Kunsill illi mir-Reġjun Nofsinhar il-Kunsill se jingħata €2500 għal din l-attività kif ukoll hemm €1000.00 oħra mill-iskema tat-tiżjin fi ħdan ir-Reġjun.

Is-Sur Caruana ppropona sotto kumitat bl-isem ta' Kultura. Dan ġie ssekondat mis-Sindku u ġie approvat mill-membri tal-Kunsill preżenti. Ġie deċiż li f'dan is-sotto kumitat ikun hemm persuna minn kull għaqda tar-raħal ie mis-Soċjetà Filarmonika La Stella, mill-Għaqda Mużikali Marija Assunta u mill-Parroċċa, dawn flimkien mas-Sindku, is-Sur Caruana u Sa Micallef li qed tiġi proposta bħala s-Segretarja ta' dan is-sotto kumitat. L-ewwel laqgħa ta' dan is-sotto kumitat sejra ssir it-Tnejn 11 ta' Novembru 2019 fis-6.15pm.

Armar tal-Milied. Il-Kunsill qabel li dan l-armar għandu jsir taħt l-arranġamenti li saru fis-snin ta' qabel iżda qabel jintbagħtu l-ittri għandu jiġi diskuss magħhom dwar il-ġranet.

Id-data proposta għal din l-attività hija l-Ħadd 22 ta' Diċembru 2019 fil-pjazza tal-Gudja mill-4pm 'il quddiem. F'każ li jkun il-maltemp din l-attività tiġi posposta għat-Tnejn 23 ta' Diċembru 2019.

Dwar il-Kunsulent - Marketing Strategy Objectives wara diskussjoni ġie deċiż li dan se jiġi esplorat f'attivitajiet oħra li l-Kunsill jorganizza fil-futur.

Dwar il-powster tal-attività is-Sur Caruana se jippreżenta kwotazzjoni sal-ġimgħa d-dieħla (sal-15 ta' Novembru 2019).

Baġit għal din l-attività. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan jiżdied għal €3000.00 min-naħa tal-Kunsill. Ma' dan l-ammont se jiżdiedu l-flus tar-Reġjun. Dawn apparti l-flus li hemm approvati sabiex jiġu mżejna t-toroq madwar il-Gudja.

Toroq tal-Mitħna. Peress li t-tiżjin li kien jintuża f'Tal-Mitħna m'għadux tajjeb, il-Kunsill qabel se jinġabru 3 kwotazzjonijiet.

Ħarġa t'Għawdex. Ġie deċiż li din it-tema tiġi diskussa fis-Sotto Kumitat Kultura u wara l-Kunsill jiġi infurmat.

012.3.25 Waste Reduction Methods. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar imejl mingħand il-WasteServ u għaldaqstant stiednet lill-Kunsilliera sabiex jagħtu s-suġġerimenti tagħhom dwar din it-tema sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika.

012.3.26 Laqgħa annwali. Il-Kunsill ġie infurmat illi skont l-emendi l-ġodda dwar il-Gvern Lokali, trid issir laqgħa annwali tal-lokalità qabel il-15 ta' Diċembru. Saret diskussjoni u ġie maqbul li din il-laqgħa għandha ssir it-Tnejn 02 ta' Diċembru 2019 fis-7pm fis-sala tal-Knisja. Għandha ssir talba lill-Arċipriet sabiex il-Kunsill ikun jista' jużа s-sala jew f'xi post ieħor li jkun aċċessibbli għal kulħadd.

012.3.27 Ittra mingħand il-Housing Authority dwar installazzjoni tal-lifts. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar talba min-naħa tal-Housing sabiex iċaqalqu is-servizzi tal-ilma sabiex jiġu installati l-lifts fil-flats tal-housing estate. Saret diskussjoni u ġie maqbul li l-Kunsill m'għandux oġġezzjoni li dan ix-xogħol isir iżda jekk isir xi ħsara din trid tissewwa min-naħa tal-Housing peress li dawn il-flats imdawrin kollha bil-madum.

012.3.28 Imejl tal-AKL dwar fondi tal-LESA. Is-Sindku infurmat illi l-Kunsill kien applika sabiex jingħata fondi dwar cameras sabiex dawn jiġu installati f'diversi partijiet madwar il-Gudja.

012.3.29 Lampi ġodda. Is-Sindku infurmat li kien hemm talba għal lampa ġdida fi Triq id-Dejqa u talba oħra għal Triq Sta Katarina. Il-Kunsill qabel li għandha issir spezzjoni fuq il-post sabiex jinstab il-post fejn jistgħu jeħlu dawn il-fanali l-ġodda, jinxtraw u jinbdew il-proċeduri għall-permessi hekk skont kif inhu meħtieġ.

Dwar ir-reflettur li jinsab fi Triq R. Caruana kantuniera ma' Triq Sta Katarina, il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-kuntrattur sabiex jagħti l-parir tiegħu ħalli minflokk dan ir-reflettur jitwaħħlu żewġ fanali ġodda.

**012.4.0 Rapport tal-Kumitat tal-Għażla dwar ħatra għal Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-Gudja (kunfidenzjali)**

012.4.1 Tpoġġa fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport li sar mill-Bord tal-Għażla dwar l-intervisti li saru.

B'mod unanimu l-Kunsill approva dan ir-rapport li ġie ppreżentat mill-Kumitat tal-Għażla u għaldaqstant innomina lis-Sinjura Lara Mascena bħala Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill Lokali tal-Gudja.

B'din id-deċiżjoni se jiġi infurmat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tinbeda l-proċedura biex tiġi approvata u tinħatar is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid.

**012.5.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

012.5.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**012.6.0 Rapporti**

012.6.1 John Mary Calleja (Viċi Sindku)

a. Żbir ta' siġar. Is-Sur JM Calleja informa illi sar iż-żbir li kien hemm bżonn iżda sfortunatament ċertu siġar ma setax isir iż-żbir fuqhom peress li dawn għoljin ħafna u ma setgħux jintlaħqu. Se jinġabru kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.

b. Knis. Is-Sur Calleja qal li hemm nuqqas ta' knis fi Triq San Pawl u Triq iż-Żebbuġa. Ġie deċiż li għandu jsir rapport lill-kuntrattur dwar dan sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa.

c. Skip tal-ħġieġ. Is-Sur Calleja ressaq talba sabiex il-bring-in-site li hemm fi Vjal it-Torri, il-Gudja, tiżdied oħra tal-ħġieġ peress li l-waħda li hemm mhux tlaħħaq mad-domanda ta' din l-akkwata. Is-Sindku qalet li għandha ssir diskussjoni dwar il-futur tal-iskips u għalhekk ġie deċiż li din it-tema tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

012.6.2 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. MOC Awards. Is-Sur Sammut informa lill-Kunsill illi kienet saret l-applikazzjoni sabiex il-Kunsill seta' jieħu sehem għal dawn l-awards bħalma sar fis-snin li għaddew.

b. Pilates. Is-Sur Sammut informa lill-Kunsill illi hemm ħsib li jiġu organizzati is-sessjonijiet tal-Pilates lejn Jannar 2020. Aktar dettalji dwar post, eċċ se jingħataw f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

c. Sleeping policemans. Is-Sur Sammut ressaq talba sabiex terġa' titpoġġa sleeping policeman li kien hemm fi Triq San Pawl, il-Gudja. Saret diskussjoni u ġie deċiż li għandha tinġabar aktar informazzjoni dwar din it-talba.

Saret diskussjoni wkoll fuq l-isleeping policeman fi Triq San Ċiru, il-Gudja sabiex din tiċċaqlaq minn fejn hi qiegħda. Ġie deċiż li għandha tinġabar aktar informazzjoni dwar din is-sleeping policeman.

Saret diskussjoni ukoll fuq is-sleeping policeman ta' Triq iż-Żebbuġa fejn fil-Kunsill ta' qabel kien ġie diskuss sabiex din tinqala' minn fejn hi. Saret

diskussjoni u ġie deċiż li għandha tinġabar aktar informazzjoni dwar din l-isleeping policeman.

012.6.3 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Librerija tal-Gudja. Is-Sur Caruana rrefera għal ftuħ tal-librerija tal-Gudja u nforma lill-Kunsill dwar talba sabiex din tiftaħ ukoll is-Sibt. Is-Sindku qalet li din it-tema kienet ġiet diskussa mal-Ministru tal-Edukazzjoni u sar qbil li se tinġabar aktar informazzjoni dwar is-sitwazzjoni preżenti.

   Inġibdet l-attenzjoni li t-tfal tal-iskola primarja għandhom jagħmlu użu minn din il-librerija hekk skont kif kien isir fil-passat.

b. Sinjal – Merħba. Is-Sur Caruana ġibed l-attenzjoni illi t-tabella 'Merħba' għadha mkissra fi Triq Ħal Safi, il-Gudja u kif ukoll anke dik ta' ħdejn l-airport tinstab mormija. Is-Sur Caruana ġie infurmat illi kienu ttieħdu l-passi meħtieġa u dawn issa ġew imsewwija jew mibdula skont kif kien meħtieġ.

c. Tal-linja. Is-Sur Caruana għamel suġġeriment sabiex tal-linja minflokk tgħaddi minn Triq Ħal Għaxaq, tgħaddi minn Triq Joseph Gravina għal Triq il-Barjola u toħroġ fi Triq Ħal Għaxaq. Il-Kunsill se jara x'inhi l-possibilità li jsir dan.

**012.7.0 Temi oħra tal-Kunsill Lokali**

012.7.1 Triq iż-Żebbuġa – progress. Din it-tema ġie deċiż li għandha tiġi diskussa f'laqgħa urġenti tal-Kunsill bit-tema 'tenders pendenti'. Il-Kunsill approva li din il-laqgħa b'urġenza ssir nhar l-Erbgħa 13 ta' Novembru fis-6.30pm.

012.7.2 Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress. Din it-tema ġie deċiż li għandha tiġi diskussa f'laqgħa urġenti tal-Kunsill bit-tema 'tenders pendenti'. Il-Kunsill approva li din il-laqgħa b'urġenza ssir nhar l-Erbgħa 13 ta' Novembru fis-6.30pm.

012.7.3 Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto-progress. Il-Kunsill ma ġiex mgħarraf minn IM b'aktar żviluppi dwar din it-tema.

012.7.4 Ġnien R. Caruana – progress. Din it-tema ġiet diskussa aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti.

012.7.5 Ġnien Ġlormu Cassar – progress. Il-Kunsill ma ġiex mgħarraf minn Projects Malta b'aktar żviluppi dwar din it-tema.

**012.8.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

012.8.1 Il-lista ta’ pagamenti nru 04/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Viċi Sindku u ssekondata mill-Kunsillier MA Sammut għall-ammont totali ta’ €20758.66, u ġiet approvata nem con.

**012.8.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

012.8.1 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9.30pm. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 02 ta’ Diċembru 2019 fil-5.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ______________________

Marija Sara Vella
Sindku

Antoinette Azzopardi
Deputat Segretarju Eżekuttiv